# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Nru: 129/2016 RM

**Mary Jane Eskander**

**-vs-**

**Karl Micallef**

**Illum, 28 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Gunju 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7,200) rapprezentanti self *brevi manu* f'diversi pagamenti li saru bejn il-perjodu Novembru 2013 u Dicembru 2015 kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmija somma minghajr ebda raguni fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazjoni ghall-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-self relattiv sal pagament effettiv, minn issa kontra tieghu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Karl Micallef[1] li giet prezentata fil-5 ta' Lulju 2016 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *Illi t-talbiet ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*
2. *Illi mhu minnu xejn illi r-rikorrenti Eskander tat xi self brevi manu illi intimat Micallef ghas-somma pretiza;*
3. *Illi fi kwalunkwe kaz l-attrici trid taghti rendikont dettaljat ta' kif waslet ghas-somma minnha kkwantifikata;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-Affidavits u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat il-provi kollha migjuba mill-partijiet;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fil-15 ta' Frar 2017, gie mahtur Dr. Martin Bajada bl-inkarigu bhala espert tat-telefonija, sabiex jiehu konjizzjoni u jezamina l-kontenut tal-mobile phone esebit fl-atti u jirtira l-messaggi li gew trasmessi fuqu.

Rat ir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada ipprezentat waqt l-udjenza tas-7 ta' Marzu 2018[2];

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

[1] Fol. 7.
[2] Dok. MB – fol. 60.

Rat in-nota ta' sottomissjonijietipprezentata mill-attrici fid-9 ta' Awwissu 2019 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-2 ta' Settembru 2019;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tal-attrici f'din il-kawza hija ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7,200) rapprezentanti self brevi manu li sar mill-attrici favur il-konvenut, f'diversi pagamenti li saru bejn il-perjodu Novembru 2013 u Dicembru 2015.

Il-konvenut ghalkemm originarjament jichad illi huwa ssellef xi flus minghand l-attrici, sussegwentement, fl-istadju tal-provi tieghu u senjatament fl-Affidavit tieghu[3] jistqarr illi effettivament, huwa ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' €2,250

**<u>PROVI</u>**

**Verzjoni Attrici**

Fl-Affidavit taghha[4], **l-attrici Mary Jane Eskander** tghid illi hija u Karl Micallef kellhom relazzjoni li damet madwar sentejn u nofs. Karl Micallef kien jahdem go hanut tal-parts tal-karozzi bhala full-time u wara x-xoghol kellu arrangament mal-imghallem biex ibiegh affarijiet tal-karozzi u imbaghad hu kien jiehu commission skond kemm ibiegh. Barra dan ix-xoghol Karl kien ukoll

[3] Affidavit tal-konvenut, fol. 73.
[4] Ipprezentatat fl-10 ta' Gunju 2018, a fol. 20 – 23.

jahdem bhala mechanic fid-dar tieghu. L-attrici kienet u ghadha tahdem bhala segretarja ma’ kumpanija privata.

L-attrici xehdet illi wara biss tlett gimghat, jigifieri ghall-ahhar ta' Novembru 2013, il-konvenut kien talabha erba' mitt Ewro (€400) sabiex jixtri xi parts ghall-karozza tieghu, u kien qalilha li imbaghad ihallasha lura. Fissret illi bhala delizzju l-konvenut kellu karozza li jsuqha Ta' Qali fl-auto-cross u l-karozza dejjem kien jonfqilha l-flus. Hija bil-paga taghha ma tantx tkun tista’ taghti flus pero` kienet accettat li ttih peress li hu qallha “*imbaghad intihomlok*”.

Qalet ukoll illi wara li ghadda xi xahar, il-konvenut rega’ talabha mitejn Ewro (€200). Hi kienet qaltlu li diga tatu x-xahar l-iehor, pero' hu kien baqa jinsisti u qaliha li jfaddal il-flus hu, “*mhux ghalik?*” Hi kienet accettat li ttih dawn il-flus.

L-attrici kompliet tghid illi tul ir-relazzjoni taghhom Karl kien dejjem baqa’ jitlobha l-flus, gieli anke ghal affarijiet zghar bhal pakkett tas-sigaretti u cards tal-mobile, hekk kif jixhdu xi ftit mill-messaggi mibghuta mill-mobile tieghu[5].

Ziedet tghid illi qabel ma bdiet ir-relazzjoni ma’ Karl Micallef, kif kienet taqbad il-paga kienet tigbed madwar hames mitt Ewro (€500) fix-xahar sabiex tkun tista' tghix. Dan pero' ma setghatx tibqa’ taghmlu ghaliex Karl Micallef dejjem kien jitlobha l-flus u hi allura ma baqghetx tigbed ammont ta' flus hekk kif tidhol il-paga u minflok bdiet tigbed kull darba li jitlobha l-flus. L-attrici qalet ukoll li l-konvenut, hekk kif tidhol il-paga taghha, kien jibda jistaqsiha ghall-flus sakemm hija tkun sippacat b'xejn. Fl-ewwel tlett xhur tar-relazzjoni hija kienet tithallas permezz ta' cheque li imbaghad kienet tiddepozitah fil-kont bankarju taghha. Hu kien dejjem jistaqsiha jekk ic-cheque dahalx fil-kont, hekk kif jixhdu diversi messaggi[6].

---

[5] Ghalkemm dawn il-messaggi kellhom ikun annessi mal-Affidavit tal-attrici bhala Dok. A, dawn fil-fatt ma gewx esebiti.

[6] Ghalkemm dawn il-messaggi kellhom ikun annessi mal-Affidavit tal-attrici bhala Dok. B, dawn fil-fatt ma gewx esebiti.

L-attrici ziedet tghid illi wara qisu tliet xhur il-konvenut kien mar jghix fid-dar taghha ma' ommha. Wara li kellhom l-ewwel gIieda taghhom, hija bdiet tistaqsi ghalfejn jitlobha l-flus u fejn qed imorru. Hu kien jispjega ghax il-parts tal-karozza gholjin u kien dejjem iweghdha li kien ser jixtrilha l-affarijiet, u li kien qieghed igemma' ghaliha.

L-attrici kompliet tixhed illi dak iz-zmien hija kienet qedgha titghallem issuq il-karozza u kienet qedgha tfaddal biex tixtri wahda, izda minkejja li l-konvenut kien jaf b'dan, hu xorta baqa' jitlobha l-flus. Darba minnhom kien talabha disa' mitt Ewro (€900) u hija kienet bghatiltlu li ma tistax ghax trid tixtri karozza. Hu kien qallilha li imbaghad il-karozza jixtrihilha hu, u hi kienet regghet hallsitu.

Izda skont l-attrici, meta wara certu zmien bdiet tara li l-affarijiet baqghu l-istess, hija ma baqghetx ittih l-ammonti li beda jitlobha. F'dawn iz-zminijiet l-argumenti bdew jizdiedu ghaliex hu qatt ma kien jaghti kasha, kull ma kien jinteressah kienu l-flus. Sadanittant, hija ghamlet madwar disa' xhur titghallem il-karozza u f'dan il-perjodu bdiet tipprova iggemma' ftit flus biex tixtri wahda. Qalet illi ommha kienet dejjem tghidilha li ahjar tixtri karozza gdida biex isserviha iktar pero' l-konvenut kien baqa' jsostni li ser isib wahda hu, u jixtriha hu. Fil-fatt meta gie iz-zmien hu kien sabilha Fiat Punto li kienet tiswa €1,700. Minkejja hafna wedghiet li kien ha jhallasha lura parti mill-pagamenti billi jixtri l-karozza hu, il-konvenut xorta kien qalilha biex tohrog il-flus hi. Kienet gibdet l-ammonti f'xi tlett pagamenti u kienet tathomlu biex ihallas lill-venditur, u dan ghamlu quddiemha.

Skont l-attrici, wara li xtrat il-karozza l-konvenut baqa' dejjem jitlobha l-flus b'mod regolari. Hu beda jara li hi bdiet tnaqqas mill-pagamenti u ghalhekk kien beda jghidilha li qieghed ifaddal biex imbaghad ikunu jistghu jixtru post

flimkien. Hija ghalhekk kienet baqghet isselfu l-flus li kien jitlobha sakemm tispiccalha l-paga kollha u bdiet ukoll tfittex xi postijiet. Qalet ukoll illi wara li tatu diversi pagamenti kienet bdiet tissikah biex imorru l-bank halli jitkellmu fuq home loan u fil-fatt ghamlet appuntament il-Bank of Valletta ir-Rabat[7]. Madanakollu, skont l-attrici, il-konvenut beda jsib skuza b'kull proprjeta` li bdiet turih u b'hekk bdiet tinduna li kull ma kien qieghed jghid kien gideb u li kien qieghed jiehu vantagg minnha.

Issoktat tghid l-attrici illi f'Marzu 2016 kienet iddecidiet li ttemm ir-relazzjoni minn mal-konvenut izda qabel telqet kienet talbitu l-flus kollha lura. Wara jumejn kienet baghtitlu messagg biex ihallasha u hu dejjem jghid ejja ha nirrangaw. Meta sussegwentement kienet rat ir-rendikont tal-kont bankarju taghha sabiex tivverifika kemm kienet tat flus lill-konvenut, irrizultalha li kienet gibdet is-somma ta' seba' t'elef u mitejn Ewro (€7,200) mill-kont taghha. Qalet li dawn il-flus hija kienet ghaddiethom lill-konvenut u din is-somma ghadha dovuta lilha.

**Fl-Affidavit ulterjuri taghha[8], l-attrici** kompliet tghid illi hija rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Dr Martin Bajada datat 25 ta' Marzu 2017 u tikkonferma illi b'kollox gie ppruvat li l-konvenut kien talabha s-somma ta' erbat elef sitt mija u disghin Ewro (€4,690) permezz tal-uzu ta' messaggi fuq il-mobile, hekk kif gej:-

1. F'pagna 162 tar-rapport talab €150
2. F'pagna 164 tar-rapport talab €20 u €10
3. F'pagna 165 tar-rapport talab €400
4. F'pagna 166 tar-rapport talab €1,700 u €100
5. F'pagna 167 tar-rapport talab €50
6. F'pagna 168 tar-rapport talab €50

[7] Ghalkemm kellu jigi anness mal-Affidavit, email li ntbaghat fir-rigward, bhala Dok. C, dan effettivament ma giex esebit.
[8] Fol 68 - 69.

7. F'pagna 169 tar-rapport talab €100 u €80
8. F'pagna 172 tar-rapport talab €20
9. F'pagna 173 tar-rapport talab €190
10. F'pagna 174 tar-rapport talab €80 u €90
11. F'pagna 175 tar-rapport talab card tal-mobile li tammonta ghal €10 u €30
12. F'pagna 176 tar-rapport talab €60
13. F'pagna 177 tar-rapport talab €20
14. F'pagna 178 tar-rapport talab €30
15. F'pagna 179 tar-rapport talab €60
16. F'pagna 180 tar-rapport talab card tal-mobile li tammonta ghal €10 u €95
17. F'pagna 181 tar-rapport talab €240 u 50
18. F'pagna 185 tar-rapport talab €60
19. F'pagna 186 tar-rapport talab €40 u card tal-mobile li tammonta ghal €10
20. F'pagna 187 tar-rapport talab €20
21. F'pagna 188 tar-rapport talab €10 u €35
22. F'pagna 189 tar-rapport talab €15 u €120
23. F'pagna 190 tar-rapport talab €45 u €20
24. F'pagna 191 tar-rapport talab €40
25. F'pagna 193 tar-rapport talab €20
26. F'pagna 194 tar-rapport talab card tal-mobile li tammonta ghal €10 u €400
27. F'pagna 195 talab €200

L-attrici kkonfermat li l-ammonti elenkati hija ghaddiethom kollha lill-konvenut bhala self u bil-patt li hu ser jhallasha lura.

Hija kkonfermat ukoll li Karl Micallef mhux dejjem kien jitlobha flus b'messagg fuq il-mobile ghaliex kemm il-darba talabha biex isselfu xi flus meta kienu jkunu flimkien jew b'telefonata. Hija affermat li l-ammont li talbet fir-Rikors promotur u cioe' is-somma ta’ sebat elef u mitejn Ewro (€7,200), ghaddiethom kollha lill-konvenut.

Fl-Affidavit taghha[9], **Helen Eskander**, omm Mary Jane Eskander tghid illi wara xi tlett xhur kienet stiednet lill-konvenut id-dar taghha u minn dakinhar beda jmur id-dar taghhom kuljum. Tghid ukoll illi wara ftit zmien, minhabba cirkostanzi personali tal-konvenut u l-problemi li huwa qal li kellu d-dar minhabba ommu, huma ftiehmu li jibda jorqod ta’ kuljum id-dar ghandha. Ix-xhud qalet li hasset ukoll l-obbligu li tixtrilu hwejjeg personali u kienet tahsillu l-hwejjeg u ssajjarlu kuljum.

Ix-xhud kompliet tghid illi ghalkemm il-konvenut beda jintegra mal-familja u kien dara jorqod u jiekol id-dar taghhom, huwa qatt ma offra li jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta’ kuljum. Hija bdiet tinnota li t-tifla ma kienetx qedgha tixtri l-bzonnijiet ta’ kuljum u staqsietha x’kienet ir-raguni. Hi qaltilha li kienet qieghda igemma’ flimkien ma’ Karl Micallef biex ‘il quddiem jixtru post. Qalet ukoll illi kienet taf li qabel ma bdiet tohrog mal-konvenut, bintha diga` kellha xi haga infaddla ghal karozza gdida. Hija kienet fil-fatt issuggerejt li tixtri Fiat gdida sabiex din tkun tista isserviha tal-inqas ghaxar (10) snin bla problemi. Izda skont ix-xhud, il-konvenut ma kienx qed jaqbel u beda jghid li ha jiehu hsieb hu. Hija imbaghad ma baqghetx tinsisti fuqha ghax ma riditx tidhol bejniethom.

Ix-xhud ziedet tghid illi l-ewwel darba li bintha u l-konvenut kellhom argument kbir kien f' Ottubru 2015 u tiftakar li Karl Micallef kien ukoll refa’ idejh fuq it-tifla. Hija dak il-hin kienet qaltlu biex imur id-dar t'ommu izda hu baqa’ jigi jorqod ghandhom qisu ma gara xejn. Minn dak inhar it-tifla bdiet turi li ma kienetx kuntenta fir-relazzjoni. Eventwalment hija rrejalizzat ukoll illi l-konvenut ma kellu l-ebda rispett lejha jew lejn bintha u ma riditx izzommu iktar fid-dar taghha. Darba minnhom kienet kellmet lill-konvenut quddiem bintha u qaltlu li ghalkemm ghandu l-problemi d-dar pero` l-affarijiet kif sejrin ma kienux tajbin u jkun ahjar li hu jorqod id-dar ta' ommu u jiltaqa' ma Mary Jane fil-hinjiet

[9] Fol. 17-19.

tieghu. Skont ix-xhud, it-tifla ma qablitx maghha u qaltilha li kienet ser tghix mal-konvenut fid-dar tal-ġenituri tieghu.

Kompliet tghid illi wara biss tlett xhur it-tifla regghet giet lura d-dar u qaltilha bid-decizjoni taghha li ser tintemm ir-relazzjoni taghha ma' Karl Micallef ghax kienet qed tara li m'hemmx futur sabih. Hi fethet qalbha maghha u qaltilha li lanqas flus taghha ma baqala u spegjatilha kollox. Hija tat parir lit-tifla biex tmur ghand avukat sabiex tal-inqas tigbor il-flus li ghandha evidenza taghhom u li jammontaw ghal sebat elef u mitejn Ewro (€7,200).

Permezz ta' nota[10], l-attrici pprezentat *statement* tal-kont bankarju taghha b'indikazzjoni tal-ammonti li hija tghid li gibdet sabiex tghaddihom lill-konvenut.

## Verzjoni tal-Konvenut

**Il-konvenut Karl Micallef** fl-Affidavit tieghu[11] jghid illi l-attrici kienet habiba ta' ohtu Jessica u fl-2013 beda jaraha ta' spiss billi kienet tmur id-dar tal-genituri taghhom. Wara ftit zmien bdew jitkellmu on-line u eventwalment bdew johorgu flimkien. Ir-relazzjoni taghhom damet bejn wiehed u iehor sentejn u nofs. Wara li kienu ilhom madwar xahar johorgu flimkien Mary Jane riedet tlaqqghu ma' ommha Helen Eskander u minn dakinhar 'il quddiem bdew imorru d-dar ta' xulxin, kienet relazzjoni normali. Jichad bhala mhux minnu dak li qalet ix-xhud Helen Eskander li kien hemm xi problemi kbar id-dar tieghu, u jghid li lanqas ma huwa minnu li ommu ma kinitx taghmillu l-hwejjeg hi.

Il-konvenut kompla jghid illi iktar 'il quddiem fir-relazzjoni taghhom kien bidel ix-xoghol u mar jahdem Birkirkara, fil-vicinanzi tar-residenza ta' Mary Jane.

[10] Fol. 29-44
[11] Fol. 72- 74

Kien proprju ghalhekk li ommha stess kienet offrietlu biex meta jkun jixtieq imur jorqod ghandhom halli l-ghada ma jkollux triq twila ghax-xoghol (billi joqghod il-Bahrija).

Jghid ukoll illi mal-attrici gieli kienu jitkellmu dwar xiri ta' post, pero' qatt ma kellhom xi diskussjoni serja u profonda dwar din il-kwistjoni, qatt ma tkellimu ma' xi agent u lanqas ma qatt marru jaraw xi postijiet. Certament qatt ma ddiskutew dwar kif ser igemmghu biex jixtru xi post flimkien.

Meta mbaghad l-attrici bdiet tahseb biex tixtri karozza, hu ma kienx qabel maghha li tixtri karozza gdida fjamanta u huwa kien issuggerixxa li tixtri second-hand billi kienet ghadha ser iggib il-licenzja. Kien qalilha li jekk ikun hemm bzonn jara kif jista' jghinha, u darba kien offrilha li jixtrilha l-karozza hu ghalkemm dan bil-kundizzjoni li jbiegh il-karozza tieghu. Infatti fl-SMS a fol. 195 kien qal "*Kif inbiegh il-Fiesta nixtrilek karozza jiena dw*". Pero huwa qatt ma biegh il-Fiesta. Billi kien jahdem f'hanut tal-parts tal-karozzi u jifhem fil-karozzi, kien anke offrielha biex jispezzjona l-karozza qabel ma tixtriha u jekk ikun hemm bzonn jghinna biex iggib xi parts.

Dwar l-argument li kellhom f'Dicembru tal-2015, il-konvenut qal li huwa minnu li kellu argument mal-attrici izda kienet l-attrici li qabditu mill-kaxxa ta' sidru u fis-sahna tal-argument spiccat laqtitu f'ghajnejh, u hu kien irreagixxa u imbuttaha. Wara dan l-argument ommha ma riditux iktar jorqod ghandha u ghalhekk huma kienu marru joqghodu mal-genituri tieghu. L-attrici ghamlet madwar tliet xhur tghix maghhom u matul dan il-perijodu kienet ommu li kienet tahslilha l-hwejjeg u ssajrilha.

Il-konvenut izid jghid illi huwa minnu li matul ir-relazzjoni taghhom l-attrici sellfitlu xi flus pero' minghajr ebda dubju ta' xejn dawn ma jammontawx ghal €7,200 kif qed tghid hi, billi hu dejjem somom zghar kien jitlobha. Jghid illi l-

ammont reklamat ta’ €7,200 huwa wisq esagerat u zgur li l-attrici qatt ma sellfitlu l-ammonti kbar li ssemmi fix-xhieda taghha.

Huwa jghid hekk:-

*“8. Qed naqbel li l-ammonti msemmija fir-rapport tal-espert - hlief ghal erba' (4) ammonti minnhom li ser nispjega ghaliex mhumiex dovuti aktar 'l isfel - kienu ammonti li verament selfitomli Mary Jane u jien ma ghandhi ebda oggezzjoni biex inhallasha dan l-ammont lura. B'kollox ghalhekk naqbel li ghandi ntiha €2,250 u cioe` it-total tal-ammonti kollha msemmija fir-rapport tal-espert hlief ghal dawn li gejjin:-*

*9. Dwar 1-€1,700 (a fol. 166 tar-rapport) nghid li dawn jirrapprezentaw il-prezz tal-karozza Fiat Punto li Mary Jane kienet xtrat. Dawn m’huwiex flus li selfitli. Il-messaggi juri biss diskors li sar bejnietna dwar ix-xiri ta' din il-karozza. Jien pero'*
*dawn il-flus ma hadthomx izda uzathom hi biex hallset lill-bejjiegh. In fatti hi stess fl-Affidavit tahha (a fol 24 tal-process) tistqarr li dawn il-flus kienu ghall-karozza taghha. Kif gja` spjegajt aktar qabel, il-weghda tieghi biex nixtrihielha kienet kundizzjonata, jigifieri kelli l-ewwel inbiegh il-karozza tieghi; pero jien ma kontx sibt bejgh taghha.*

*10. Dwar il-€100 (a fol 169 tar-rapport) nghid li jidher car mill-messagg li din ma kinitx somma li tlabtha ssellifli izda kienu flus li missieri kien tani biex nixtri l-karru tal-karozza.*

*11. Dwar it-€240 (a fol 181 u 131 tar-rapport) nispjega li dan il-messagg intbaghat fit-12 ta' Frar u cioe ftit qabel il-birthday tieghi f1-17 ta' Frar. Dawn il-€240 jirreferu ghar-rigal (kaxxa tal-ghodda) li kienu xtrawli ommi u Mary Jane ghall-birthday - kienu marru flimkien il-hanut u kienu hargu nofs kull wiehed. Infatti mill-messaggi Mary Jane tikkummenta "Int bis-serjeta ta tigina 120 bej tnejn .... " u "ommok kienet avzatni li mux ha tonfoq daqsk ... " Dan ghalhekk kien rigal tal-birthday u mhux self u ghalhekk ma nistax nifhem kif Mary Jane qed tippretendi li ntihomlha lura.*

*12. Dwar il-€400 (a fol.194) nghid li kont ser nixtri Vauxhall Nova li tiswa €400 pero'*
*dan id-deal ma kienx sar u qatt ma xrajtha. Jigifieri ghalkemm huwa minnu li tlabtha din is-somma, ma kinitx ghaddithomli.*”

Fl-Affidavit taghha[12], ix-xhud **Josephine Micallef**, omm il-konvenut Karl Micallef tghid illi tikkonferma dak li binha jghid fil-paragrafu numru 11 tal-Affidavit tieghu u cioe` li ghall-birthday tieghu hija u Mary Jane kienu xtrawlu kaxxa tal-ghodda li kienet tiswa €240. Kienu hargu nofs kull wiehed. Mary Jane kienet hallset kollox bil-credit card taghha u hija kienet tatha sehmha bi flus kontanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija azzjoni ghall-hlas ta' somma komplessiva ta' flus l-attrici tghid li hija silfet lill-konvenut f'diversi okkazjonijiet matul ir-relazzjoni taghhom.

Ghalkemm il-konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi jichad il-pretensjoni tal-attrici li hija qatt silfitu xi flus, u dan permezz tal-ewwel zewg eccezzjonijiet minnu mressqa fir-Risposta tieghu, fit-testimonjanza eventwali tieghu huwa bidel kompletament din il-linja difensjonali meta ddikjara li ma jikkontestax u jaccetta illi effettivament, l-attrici silfitu s-somma komplessiva ta' €2,250, izda jikkontesta l-pretensjoni kwantu ghall-kumplament tas-somma mitluba mill-attrici. In effetti dan jammonta ghal ammissjoni parzjali tat-talba attrici limitatament kwantu ghas-self tal-imsemmija somma ta' €2,250.

Ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenut baqa' qatt ma rrifonda lill-attrici xi parti mill-ammont lilu misluf.

Il-Qorti tosserva illi fi kwalsiasi kaz, oltre ghall-ammissjoni tal-konvenut, il-pretensjoni tal-attrici li hija silfet diversi somom ta' flus lill-konvenut hija ulterjorment sostanzjata bil-prova li saret permezz tar-Relazzjoni teknika[13]

[12] Fol. 75
[13] Relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, Dok. MB a fol. 60.

konsistenti fl-istampar tal-messaggi kollha li ntbaghtu mill-attrici lill-konvenut[14] u vice versa, fil-perijodu bejn is-6 ta' Novembru 2014 u l-14 ta' Dicembru 2015[15], liema messaggi ftit li xejn ihallu dubju illi l-konvenut, effettivament, kien b'mod ferm regolari jitlob lill-attrici tghaddilu ammonti ta' flus li, ghad generalment kienu somom relattivament zghar, akkumulaw matul iz-zmien.

Huwa wkoll evidenti mill-mod u fic-cirkostanzi li fihom kienu jigu mghoddija lill-konvenut l-ammonti ta' flus mertu ta' din il-kawza, illi l-flus ma nghatawx mill-attrici bl-*animus donandi*. Gie ritenut in propositu illi:-

"*min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari ...* (Kollez Vol XXXII pII p. 472)[16].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Pace vs Rosaria Caruana et**[17], inghad hekk:-

"*ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall- kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id- donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona*".

Minkejja l-ammissjoni tal-konvenut li l-flus inghatawlu b'self u mhux b'donazzjoni, u ghalkemm huwa minnu illi l-partijiet kienu jinsabu f'relazzjoni personali, f'kull kaz il-Qorti fil-kumpless tac-cirkostanzi tal-kaz, liema cirkostanzi hija siltet mix-xhieda tal-attrici kif ukoll mill-iskambju ta' messaggi, fosthom l-eta` zghira u n-nuqqas evidenti ta' maturita` tal-attrici, ma hija affattu konvinta illi l-attrici kellha l-volonta` li tizvesti ruhha minn flusha liberament u

[14] Numru tal-mobile 99599063.
[15] Pagna 92 sa pagna 139 tar-Rapport Tekniku, u pagni ohrajn sussegwenti li, izda, mhumiex immarkati formalment.
[16] **Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud et -** Appell Civili, deciz 26 ta' Novembru 2014.
[17] Deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez. Vol. XXXIII pII p.416).

gratuwitament, u dan wara li osservat ukoll illi l-konvenut innifsu kien jitlobha biex issellfu l-flus jew inkella jwieghed li jpatti billi jhallas huwa stess xi haga ghall-attrici[18]. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm ftit kien ikun hemm ezitazzjoni da parti tal-attrici biex effettivament tghaddi l-flus lill-konvenut kull meta kien jitlobha - indubbjament minhabba l-entuzjazmu li ggib maghha relazzjoni gdida – fir-risposti ghat-talbiet tieghu hija kienet regolarment tilmenta li ma kienetx tinsab f'qaghda finanzjarja daqshekk komda[19]. Il-Qorti fehmet ukoll illi dak iz-zmien l-attrici kienet qieghda tfaddal biex tixtri karozza ghaliha nnifisha.

Ghaldaqstant, mizmum ferm il-premess, il-Qorti tqis illi jirrizulta li b'mod generali, l-ammonti ta' flus mghoddija mill-attrici lill-konvenut fuq talba tieghu ma ghaddewx b'donazzjoni izda b'titolu ta' self. Konsegwentement, kwantu ghas-somma ta' €2,250 konsistenti fl-ammonti elenkati fl-Affidavit ulterjuri tal-attrici, huwa sodisfacjentement ippruvat sija bl-ammissjoni tal-konvenut u sija bil-prova tal-messaggi skambjati bejn il-partijiet formanti parti mir-Relazzjoni teknika, illi din is-somma giet mislufa lill-konvenut bl-obbligu korrispondenti illi jirrestitwixxi l-istess somma lill-attrici.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, kif jirrizulta mir-Rikors promotur u mill-Affidavit ulterjuri tal-attrici, it-talba tal-attrici hija fondata fuq il-pretensjoni illi b'kollox, hija silfet lill-konvenut l-ammont komplessiv ta' €7,200. Ghalhekk, il-Qorti trid tistharreg jekk oltre ghall-ammont ta' €2,250 liema ammont gie ppruvat bl-ammissjoni tal-konvenut li l-attrici effettivament silfitu u huwa ghaldaqstant dovut minnu, l-attrici rnexxielhiex tipprova illi hija silfitu ammonti ulterjuri matul ir-relazzjoni taghhom liema ammonti baqghu ma thallsux lura.

---

[18] Ara fost ohrajn, messaggi f'pagna 129 131, 133, 137.
[19] Ara fost ohrajn, messaggi f'pagna 106, 126, 133, 137 tar-Rapport Tekniku.

Fl-Affidavit ulterjuri taghha, l-attrici ssostni illi mill-messaggi skambjati bejn il-partijiet, formanti parti mir-Relazzjoni teknika, intwera illi hija ghaddiet lill-konvenut is-somma komplessiva ta' €4,690 konsistenti fl-ammonti individwali minnha elenkati fl-istess Affidavit. Kif rajna, il-konvenut jaccetta li huwa illi huwa minnu li matul ir-relazzjoni taghhom huwa ssellef minghand l-attrici diversi somom ta' flus u jaqbel illi dawn is-somom flimkien jammontaw ghas-somma komplesiva ta' €2,250, izda jichad illi huwa ssellef minghandha l-ammont reklamat ta' €7,200.

B'mod partikolari, il-konvenut, b'referenza ghall-elenku tas-somom mislufin li, kif jirrizulta mill-Affidavit ulterjuri tal-attrici jammontaw ghall-ammont komplessiv ta' €4,690, jichad illi l-attrici silfitu s-segwenti somom li jissemmew fil-messaggi formanti parti mir-Relazzjoni teknika, cioe`:- is-somom ta' €1,700[20], €100[21], €240[22] u €400[23].

**<u>€240: Rigal</u>**

Fl-Affidavit tieghu, il-konvenut jispjega dan li gej fir-rigward ta' din is-somma li ssemmiet fl-iskambju tal-messaggi:-

*"Dwar it-€240 (a fol. 181 u 131 tar-rapport) nispjega li dan il-messagg intbaghat fit-12 ta' Frar u cioe ftit qabel il-birthday tieghi f1-17 ta' Frar. Dawn il-€240 jirreferu ghar-rigal (kaxxa tal-ghodda) li kienu xtrawli ommi u Mary Jane ghall-birthday - kienu marru flimkien il-hanut u kienu hargu nofs kull wiehed. Infatti mill-messaggi Mary Jane tikkummenta "Int biserjeta ta tigina 120 bej tnejn .... " u "omok kinet avzatni li mux ha tonfoq daqsk ... " Dan ghalhekk kien rigal tal-birthday u mhux self u ghalhekk ma nistax nifhem kif Mary Jane qed tippretendi li ntihomlha lura.*'

Imbaghad in kontro-ezami il-konvenut xehed[24] hekk:-

[20] Pagna 166 tar-Relazzjoni.
[21] Pagna 169 tar-Relazzjoni.
[22] Pagan 131 u 181 tar-Relazzjoni.
[23] Pagna 194 tar-Relazzjoni.
[24] 29 ta' Mejju 2019.

*Karl Micallef:* [L-attrici] *Kienet taf li nixtieq kaxxa tal-ghodda u xtrawhieli ghal birthday bejnha u bejn ommi. Hi kienet hallset bil-Cashlink u ommi kienet tathomlha cash. Jigifieri mija u ghoxrin hi u mija u ghoxrin ommi imma kien rigal tal-birthday.*
*Dr Joseph Mizzi: Mhux int kont tlabtilha din il-kaxxa tal-ghodda jigifieri?*
*Karl Micallef: Le. Le. Le. Le.'*

Il-Qorti wara li ezaminat l-iskambju tal-messaggi in konnessjoni ma' din is-somma u wara li qieset ix-xhieda tal-konvenut, il-verzjoni ta' ommu Josephine Micallef[25] u senjatament it-testimonjanza tal-attrici fir-rigward, tqis illi l-verzjoni tal-konvenut hija verosimili u hija sodisfatta illi s-somma ta' €240 tirrapprezenta l-prezz ta' kaxxa tal-ghodda li xtrawhielu ommu u l-attrici bhala rigal ghal eghluq sninu. Effettivament, l-attrici filwaqt illi affermat illi s-somma msemmija fil-messaggi tirrapprezenta l-prezz ta' din il-kaxxa tal-ghodda, u filwaqt li qablet ukoll illi hija kienet harget biss nofs is-somma fl-ammont ta' €120 biex tixtri din il-kaxxa, xehdet hekk in kontro-ezami:-

*Dr Andrew Saliba:* *Issa, tiftakar ghalxiex qed tirreferi din it-two hundred fourty* [*recte. forty*] *Euros?*
*Mary Jane Eskander:* *Dik kienet kaxxa tal-ghodda. Kien xtaq kaxxa tal-ghodda emm u konna morna nixtruhielu.*
*Dr Andrew Saliba:* *Kaxxa tal-ghodda. Jigifieri dawn mhux flus li selliftu jew li tajtu. Xtrajt kaxxa tal-ghodda ma' ommu? Hrigtu two hundred twenty kull wiehed.*
*Mary Jane Eskander:* *Ghax talabhom hu ghax bilfors riedha.*
*Dr Andrew Saliba:* *Issa, jekk nghidlek li din il-kaxxa tal-ghodda kienet rigal ghall-birthday tieghu. Qeghda taht gurament.*
*Mary Jane Eskander:* *Ma kienx hemm rigali ta' birthday f'dak li hawn.*[26]

…

*Dr Andrew Saliba:* *Issa, f' dan il-kaz partikolari jekk nghidlek li dan, din il-kaxxa tal-ghodda xtrajtielu fi zmien li kellu l-birthday u kien rigal*

[25] Ara Affidavit ta' Josephine Micallef fejn xehdet illi ghall-birthday ta' binha, hija flimkien mal-attrici kienu xtrawlu kaxxa tal-ghodda li kienet tiswa €240. Kienu hargu nofs kull wiehed. Mary Jane kienet hallset kollox bil-credit card taghha u hija kienet tatha sehmha bi flus kontanti. Billi ma sar l-ebda kontro-ezami lil din ix-xhud, il-verzjoni taghha baqghet ma gietx kontrastata.
[26] Il-Qorti tosserva illi hawnhekk l-attrici hija kontradetta bil-messaggi li gew skambjati fil-15 ta' Dicembru 2014 li jidhru a fol. 111 tar-Rapport Tekniku.

*Mary Jane Eskander:* *Fi zmien iva jista' jkun, fi zmien fi Frar ghax fi Frar ghax inzerta fi Frar iva.*"

**<u>€1,700: Karozza</u>**

Il-konvenut jikkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li hija silfitu s-somma ta' €1,700 u jikkontendi li l-messaggi skambjati li jidhru f'pagna 139 tar-Rapport Tekniku ma jikkostitwixxux prova li din is-somma giet mislufa lilu.

Fl-Affidavit tieghu l-konvenut[27] jghid:-

"*Dwar 1-€1,700 (a fol 166 tar-rapport) nghid li dawn jirrapprezentaw il-prezz tal-karozza Fiat Punto li Mary Jane kienet xtrat. Dawn mhuwiex flus Ii selfitIi. Il-messaggi juri biss diskors li sar bejniethna dwar ix-xiri ta' din il-karozza. Jien pero' dawn il-flus ma hadthomx izda uzathom hi biex halset lill-bejjiegh. In fatti hi stess fl-affidavit tahha (a fol 24 tal-process) tistqarr li dawn il-flus kienu ghall-karozza taghha. Kif gja spjegajt aktar qabel, il-weghda tieghi biex nixtrihielha kienet kundizzjonata, jigifieri kelli l-ewwel inbiegh il-karozza tieghi; pero jien ma kontx sibt bejgh taghha.*"

Effettivament, fir-rigward, l-attrici xehdet hekk:-

*"Fil-fatt meta gie iz-zmien hu kien sabli Fiat Punto li kienet tiswa €1,700. Minkejja hafna weghdiet li kien ha jhallasni lura parti mill-pagamenti billi jixtri l-karozza hu, xorta kien qalli biex nohrog il-flus jien. Kont gbidt l-ammonti f'xi tlett pagamenti u kont tajthom lilu biex ihallas lis-sid kif fil- fatt kien ghamel quddiemi.*"[28]

In kontro-ezami l-attrici mbaghad affermat:-

*Mary Jane Eskander:* *... din kienet karozza Fiat li qalli li ha jixtrili hu ta' kemm kont intih u naghmel mieghu.*
*Dr Andrew Saliba:* *X'karozza hi din jekk joghgbok?*

[27] Fol. 73
[28] Affidavit tal-attrici, fol. 24.

| | |
|---|---|
| *Mary Jane Eskander:* | *Mela, dik bazikament fuq il-karozza li kienet tieghi l-karozza imma hu dejjem kien jghidli li ha jixtrihieli daqs kemm naghmel mieghu u daqs kemm intih.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Fhimtek. Jigifieri dawn l-elfu sebgha mija hrigthom inti?* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ezatt.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Mhux flus li tajt lilu. Naqblu?* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Le. Le mhux flus li tajtu.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Dawn flus Ii hrigt inti biex tixtri karozza tieghek* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ezatt.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *u inti qed tghid li hu kien weghdek li ha jtihomlok* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ezatt.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Pero dawn mhux flus li ghaddejtlu f'idejh. Xtrajt il-karozza tieghek* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ghaddejthomlu f'idejh u hallas jigifieri lill-owner.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Imma biex tixtri karozza ghalik?* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ezatt. Ehe.* |

Minn dan huwa evidenti illi l-partijiet jaqblu li s-somma ta' €1,700 pretiza mill-attrici ma gietx effettivament mislufa lill-konvenut biex ihallas minnha l-bzonnijiet tieghu izda giet mghoddija lilu specifikatament biex ihallas, kif effettivament ghamel, il-prezz tal-karozza li l-attrici xtrat ghaliha nnifisha. Biss l-attrici tippretendi illi galadarba l-konvenut kien wieghdha li din il-karozza kien sejjer jixtrihielha hu bil-hsieb li jaghmel tajjeb ghall-flus li kienet tisilfu, ghandu jigi kkundannat li jhallas din is-somma b'zieda mal-ammonti l-ohrajn li kien issellef minghandha.

Izda huwa minnufih ovvju illi dan l-argument huwa fallaci ghaliex anke jekk ghal mument kellu jigi accettat illi l-konvenut verament accetta li jhallas il-prezz tax-xiri tal-karozza tal-attrici, anke minghajr ebda rizerva[29], l-attrici stess tafferma illi din il-wieghda tal-hlas kienet intiza ghall-fini tar-ripagament tal-ammonti kollha li sadanittant il-konvenut kien qed isellef minghandha. Jekk allura l-Qorti kellha tqis illi l-konvenut huwa, b'daqshekk, obbligat li jhallas din is-somma lill-attrici **oltre** ghall-ammonti li jista' talvolta jigi ppruvat li gew mislufin lilu, tkun qieghda tarrikkixxi lill-attrici indebitament a skapitu tal-konvenut. F'kull kaz izda, billi ma giex ippruvat, anzi mill-provi huwa eskluz,

[29] Fol. 87 -98, kontro-ezami tal-konvenut.

illi s-somma ta' €1,700 giet mislufa lill-konvenut, il-Qorti ma tistax hlief tirrespingi l-pretensjoni tal-attrici ghall-hlas relattiv. Jekk xejn, din il-weghda tal-konvenut tista' titqies biss bhala prova ulterjuri illi l-ammonti lilu mghoddija mill-attrici kienu intizi bhala self u mhux bhala donazzjoni.

**<u>€100: Karru</u>**

B'referenza ghas-somma ta' €100 li tissemma fl-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet[30], il-konvenut fisser fl-Affidavit tieghu[31] illi:-

"*Dwar il-€100 (a fol. 169 tar-rapport) nghid li jidher car mill-messagg li din ma kinitx somma li tlabtha ssellifli izda kienu flus li missieri kien tani biex nixtri l-karru tal-karozza.*"

Izda l-Qorti wara li rat l-iskambju tal-messaggi, tosserva illi ghalkemm huwa minnu illi effettivament ir-referenza li saret mill-konvenut ghas-somma ta' €100 kienet ghall-flus li kien tah missieru biex jixtri l-karru, u ghalkemm l-attrici kienet inizzjalment ferm reticenti li tavvanza iktar flus lill-konvenut, jirrizulta li l-attrici kienet accettat, permezz ta' messagg sussegwenti, illi taghti lill-konvenut is-somma ta' €50 versu x-xiri ta' dan il-karru. In kontro-ezami izda, mistoqsija x'ammont eventwalment ivversat lill-konvenut fir-rigward, l-attrici wiegbet hekk:-

| | |
|---|---|
| *Mary Jane Eskander:* | ***Hundred kont tajtu*** *ghax imbaghad kien baqa' jkellimni fuq il-messaggi u hundred kont ghaddejtlu.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Tajthomlu xorta l-hundred allavolja qallek tajjeb fifty Euros.* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ezatt.* |
| *Dr Andrew Saliba:* | *Certa inti minn dan?* |
| *Mary Jane Eskander:* | *Ija mela.*" [enfasi tal-Qorti] |

[30] Pagna 138 tar-Rapport – messaggi skambjati fl-20 ta' Mejju 2015.
[31] Fol. 74

Il-Qorti rat l-i*statement* tal-kont bankarju tal-attrici, minnha esebit b'nota tal-15 ta' Frar 2017 u tosserva illi ghalkemm ma jidhirx illi l-attrici gibdet xi flus fl-20 ta' Mejju 2015, jirrizulta li hija gibdet is-somma ta' €50 ftit granet wara fl-1 ta' Gunju 2015. Fl-assjem tal-provi, partikolarment il-fatt illi huwa ppruvat mill-messaggi esebiti fl-atti illi l-attrici kienet invarjabbilment tghaddi lill-konvenut is-somom tal-flus kollha li kien jitlobha, tqis illi huwa ppruvat illi l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta' €50 ghax-xiri tal-karru.

**<u>€400: Vauxhall</u>**

Fl-Affidavit tieghu[32], il-konvenut, b'referenza ghas-somma ta' €400 elenkata fl-Affidavit ulterjuri tal-attrici bhala somma li giet mislufa lilu, fisser hekk:-

"*Dwar il-€400 (a fol. 194)*[33] *nghid li kont ser nixtri Vauxhall Nova li tiswa €400 pero' dan id-deal ma kienx sar u qatt ma xrajtha. Jigifieri ghalkemm huwa minnu li tlabtha din is-somma, ma kinitx ghadditomli.*"

L-attrici meta xehdet in kontro-ezami[34], filwaqt li ssostni illi hi kienet ghaddiet dan l-ammont ta' flus lill-konvenut biex jixtri karozza Vauxhall Nova, wiegbet hekk meta giet mistoqsija jekk tiftakarx jekk il-konvenut kienx effettivament xtara din il-karozza:-

*Mary Jane Eskander: II-flus kont tajthomlu zgur imma ma niftakarx jekk kienx xtara n-Nova. Ifhem jaf uzahom ghal xi haga ohra.*'

Il-Qorti fir-rigward tosserva illi l-attrici fix-xhieda taghha mkien ma ghamlet referenza ghall-fatt illi hija kienet avvanzat xi somma ta' flus lill-konvenut ghax-xiri ta' karozza Vauxhall Nova, wisq anqas allegat illi ghalkemm hija tatu dan il-flus huwa baqa' qatt ma xtara din il-vettura. Infatti, ma jirrizultax mill-

32 Fol. 74.
33 L-istess messag jinsab f'pagna 111 tar-Rapport, datat 15 ta' Dicembru 2014.
34 Fol. 83

i*statement* tal-kont bankarju tal-attrici[35] illi fil-granet jew gimghat sussegwenti ghal dan l-iskambju ta' messaggi, hija gibdet xi flus mill-bank fl-ammont ta' €400 jew xi ammont iehor simili. Ghaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti illi kuntrarjament ghall-pretensjoni tal-attrici li hija ppruvat permezz tal-iskambju tal-messaggi fil-15 ta' Dicembru 2014 illi dak iz-zmien kienet silfet lill-konvenut is-somma ta' €400, l-attrici ma rnexxielhiex tikkonvinci illi effettivament kien sar dan is-self lill-konvenut.

Ikkunsidrat;

Galadarba t-talba tal-attrici hija ghall-hlas tal-ammont komplessiv ta' €7,200 u stabbilit ukoll illi l-attrici s'issa ppruvat sodisfacjentement illi mill-ammont komplessiv ta' €4,690 li dwaru tressqet il-prova tal-messaggi skambati bejn il-partijiet, hija silfet lill-konvenut is-somma totali ta' €2,300, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk mill-atti giex ippruvat illi l-attrici silfet lill-konvenut somom ulterjuri fil-limitu tal-valur tat-talba attrici.

Izda wara li rat l-atti, il-Qorti ma rriskontrat ebda prova konvincenti illi sar self ta' ammonti ulterjuri lill-konvenut, cioe` self ta' ammonti ta' flus oltre dawk l-ammonti li jirrizultaw mill-messaggi formanti parti mir-Rapport tekniku. Fil-fatt, kwantu ghall-ammont rapprezentanti d-differenza bejn dak mitlub mill-attrici, u s-self li jirrizulta mill-messaggi, ma ngabet l-ebda prova mill-attrici hlief ghall-i*statement*s tal-kont bankarju taghha[36] fejn hija mmarkat dawn it-transazzjonijiet li skont hi, jirrapprezentaw flus li hija gibdet biex tislifhom lill-konvenut.

Huwa minnu illi l-attrici fl-Affidavit taghha tghid illi f'Novembru 2013, wara biss tliet gimghat fir-relazzjoni taghhom il-konvenut talabha tisilfu s-somma ta' €400 biex jixtri parts ghall-karozza tieghu, izda din l-allegazzjoni ma giet sostanzjata bl-ebda mod, la b'xi messagg u lanqas b'xi transazzjoni bankarja.

[35] Esebit a fol. 30 *et seq*.
[36] Fol. 30 sa 44.

Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi l-i*statement*s bankarji esebiti mill-attrici jmorru lura biss sa Jannar 2014 filwaqt illi l-messaggi skambjati bejn il-partijiet bit-telefon cellulari li gew stampati mill-Perit Tekniku, jibdew mis-6 ta' Novembru 2014. Ghalkemm il-konvenut ma cahadx espressament illi huwa ssellef dan l-ammont partikolari minghand l-attrici, huwa stqarr illi kien issellef minghandha biss is-somma ta' €2,250 u xejn iktar u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din id-dikjarazzjoni tammonta ghal cahda tal-allegazzjonijiet attrici kwantu ghall-bqija tal-ammonti li allegatament gew mislufin lill-konvenut.

Fuq kollox izda, l-attrici stess xehdet illi hekk kif tidhol il-paga hija kienet tigbed mill-kont bankarju taghha is-somma ta' €500 fix-xahar hekk kif kienet tircievi s-salarju taghha u sussegwentement, minhabba t-talbiet konsistenti tal-konvenut ghal self, hija kienet tigbed flus mill-bank kull darba li kien jitlobha l-flus. Dan premess, il-Qorti kienet tistenna illi l-attrici tipproduci *statement* bankarju li juri *withdrawal* ta'ammont korrispondenti f'Novembru 2013 jew ftit wara, izda madanakollu ma tressqet ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

L-istess jinghad kwantu ghas-somma ta' €200 u s-somma ta' €900 li l-attrici, fl-Affidavit taghha, qalet li l-konvenut kien talabha ssellfu u hi effettivament silfithomlu. Hawnhekk l-attrici tghid illi dan il-pagament huwa rifless fl-i*statement* tal-kont bankarju minnha esebit, izda l-Qorti ma rriskontrat ebda *withdrawal* f'dawn l-i*statement*s fl-ammonti msemmija jew ammonti li kumulattivament jammontaw ghal somma approssimattiva, fiz-zmien imsemmi mill-attrici.

Effettivament, il-Qorti tosserva illi oltre ghat-tliet ammonti fuq imsemmija, ta' €400, €200 u €900, u s-somma ta' €1,700, fix-xhieda taghha l-attrici ma ghamlet referenza ghal ebda somma ohra specifika li hija kienet silfet lill-konvenut ghalkemm, kif inghad diga`, hija indikat fl-i*statement*s bankarji minnha esebiti,

diversi hlasijiet u *withdrawal*s anke f'somom sostanzjali, illi allegatament jirrapprezentaw self li sar lill-konvenut.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-attrici, oltre ghall-prova tal-messaggi li kif rajna, jikkostitwixxu prova ta' self limitatament fis-somma ta' €2,300, ma fissritx kif wasslet ghall-ammont ta' €7,200 u lanqas ipproduciet xi prospett li biex turi f'hiex jikkonsistu l-ammonti li hija tippretendi li jammontaw kumulattivament ghas-somma ta' €7,200. Huwa minnu illi l-attrici pproduciet *statement* tal-kont bankarju[37] taghha b'indikazzjoni ta' diversi transazzjonijiet rapprezentanti *withdrawal*s ta' ammonti ta' flus li allegatament gew mislufin lill-konvenut, izda l-Qorti tqis illi wahdu dan m'huwiex bizzejjed, fl-assenza ta' testimonjanza spjegattiva talanqas tal-oggett tas-self, biex jikkostitwixxi prova ta' self. Dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-*withdrawal*s kollha mmarkati mill-attrici fl-i*statement* tal-kont bankarju taghha, liema transazzjonijiet skont hi jirrapprezentaw flus misluf minnha lill-konvenut, flimkien lanqas jammontaw ghas-somma ta' €7,200 mitluba f'din il-kawza.

Il-Qorti qieset ukoll illi ma jidhirx li kien hemm xi impediment li l-attrici tfisser x'kienet ir-raguni ghat-talba tal-konvenut li jsellef talanqas dawk l-ammonti li gew indikati fl-i*statement* in kwistjoni u li huma sostanzjali, fosthom ammonti ta' €100, €250 u €400, €500, u lanqas seta' kien hemm impediment li jigu identifikati l-oggetti li jirrizulta li hija xtrat, allegatament ghall-konvenut fuq talba tieghu, minghand Homemate[38] u PTR Machinery[39]. Madanakollu, l-attrici baqghet ma tat l-ebda taghrif biex tissostanzja l-allegazzjoni taghha li l-*withdrawals* u hlasijiet minnha indikati fl-i*statements* in kwistjoni, jirrapprezentaw flus li hija silfet lill-konvenut.

[37] Fol. 30 sa 44.
[38] 26 ta' Ottubru 2015, fol. 42. u 9 ta' Marzu 201, fol. 37.
[39] €240, 16 ta' Frar 2015, fol. 37.

Il-Qorti, fl-assjem ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma illi l-attrici ma ddizimpenjatx ruhha mill-oneru inkombenti fuqha li tipprova, lanqas fuq bilanc ta' probabbilitajiet, illi hija effettivament kienet silfet lill-konvenut somma ta' flus li teccedi dik ta' €2,300 u certament, in omagg ghall-principju *ei incumbit probatio qui allegat et non qui negat*, il-Qorti in mankanza ta' prova sodisfacjenti, m'hijiex sejra taghmel assunzjonijiet biex tista' tasal ghall-konkluzjoni illi l-*withdrawals* u hlasijiet indikati fl-i*statement* tal-kont bankarju tal-attrici saru in linea ta' self lill-konvenut u mhux ghal skopijiet ohrajn jew ghall-bzonnijiet taghha jew ta' haddiehor.

Hawnhekk, in konkluzjoni, ghandu jinghad illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi ma jistax fil-kaz odjern issir likwidazzjoni ekwitattiva *arbitrio boni viri* ghaliex kif inhuwa risaput, din is-setgha diskrezzjonali ma ghandhiex tigi applikata biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' min jinkombi fuqu l-oneru tal-prova milli jressaq bizzejjed evidenza biex jipprova d-danni jew telf minnu soffert. Ghall-kuntrarju, il-likwidazzjoni ekwitattiva ghandha tigi applikata f'kaz illi, ghalkemm ikunu tressqu provi cari dwar l-ammont dovut, ikun difficli jew mhux possibbli li titressaq prova konkreta dwar, jew li jigi stabbilit precizament, dak li gie ppruvat li huwa dovut.

In propositu, issir referenza ghal dak deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Schembri & Associates Limited vs Tarkett Holding GmbH** tal-25 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti ghamlet riassunt car u dettaljat tal-principji applikabbli f'din il-materja:-

*"Jinghad ghalhekk li l-kuncett ta' arbitrio boni viri huwa spjegat mill-Qrati taghna fil-kawza fl-ismijiet **'Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd' deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004** fejn intqal s-segwenti:*

*"In vista tad-divergenza ta' veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma' l-aspetti aktar 'il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta' l-*

*entita` tat-telf. Jew ghall-anqas jista' jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit;"*

Madanakollu, kif rajna, f'dan il-kaz l-attrici ma gabitx prova sufficjenti tal-ammont kollu tas-self, mhux minhabba li dan ma kienx possibbli izda ghaliex, fil-fehma tal-Qorti l-attrici baqghet ma wrietx sodisfacjentement illi t-transazzjonijiet li hija indikat fl-i*statement* bankarju minnha esebit, kienu ammonti li gew mislufin lill-konvenut u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni kwalsiasi in sostenn tad-diversi ammonti indikati, il-Qorti m'hijiex konvinta li t-transazzjonijiet in kwistjoni jirrapprezentaw self lill-konvenut.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija prekluza milli tuza d-diskrezzjoni taghha biex taghmel dak li suppost kien jinkombi fuq l-attrici. Din il-Qorti ma hijiex qorti ta' ekwita` izda qorti li hija tenuta tapplika l-Ligi u r-regoli tal-procedura, huwa biss bhala rimedju sussidjarju fic-cirkostanzi fuq imsemmija li l-istess Qorti tista' tapplika l-ekwita` biex tasal biex taghmel gustizzja mal-attur. Hekk insibu fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Victor Balzan et**[40] fejn gie ritenut illi: -

*"Jigi rilevat illi s-socjeta` attrici naqset illi tipprova l-kaz taghha, ghalkemm dan l-oneru kien jinkombi lilha. Is-socjeta` attrici titlob ukoll in ultima analisi, kif redatt fin-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha, illi dan it-Tribunal jiddeciedi l-kaz a bazi ta' ekwita`. **Din l-ekwita` tigi ezercitata meta l-attur ikollu dritt u ma jistax jigi ssuffragat hlief tramite l-opera tal-ekwita`. Li kieku t-Tribunal kellu jezercita din id-diskrezzjoni, ikun qieghed jikkommetti ingustizzja aktar kbira mal-istess konvenuti.** Aktar u aktar meta l-istess socjeta` attrici setghet tiehu*

[40] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri preseduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras nhar it-23 ta' Gunju 2004 [Appell Civili Numru 589/2001].

*passi ohra biex tiehu hsieb l-interessi u d-drittijiet taghha".* [enfasi ta' din il-Qorti][41]

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad ukoll l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet biss sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' limitatament it-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300) ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur cioe` mit-8 ta' Gunju 2016 u bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut u zewg terzi (2/3) mill-attrici.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Dr. Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[41] *Multo magis* meta, fil-kaz hawn fuq citat, si trattava ta' appell minn sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar meta l-**Artikolu 6** tal-**Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi espressament illi t-Tribunal ghandu jiddeciedi b'ekwita`.